# IL-GHANJA TAS-SEBGHIN

## (DANA XIN HU?)

Qomt mill-mejda fejn kont nikteb,
Għax għajnejja bħal għejjew;
Bdejt nogħrokhom b'dah'r subgħajja,
Għax ħassejt bħal żrar hemm ġew,
U jien għidt:
Dana xin hu?

Biex inserraħ lil għajnejja
Ħadt ftit ilma mill-buqar,
U xarrabthom ħelu ħelu...
Iżda qajla sfaw aħjar,
U jien għidt:
Dana xin hu?

Ħriġt fil-beraħ; kien hemm żiffa
Friska, tfuħ b'riħet il-ward,
Iżda jien ħassejtha kiesħa
U bħal bdejt inħoss il-bard,
U jien għidt:
Dana xin hu?

Biex intaffi dik 'il-kesħa
Bdejt interraq 'l hawn u 'l hemm:
Swieli ftit, iżda f'idejja
Ma wasalx is-sħun tad-demm.
U jien għidt:
Dana xin hu?

Ħaffift iżjed; ħassejt mewġa
Ta' demm fietel tiġri miegħi,
Iżda n-nifs beda jonqosni,
U ħassejt tnemmil fi driegħi,
U jien għidt:
Dana xin hu?



U xħin ħtieġli naqbad telgħa
Qalbi għaġġlet it-taħbit;
Għalkemm xtaqt noħroġ ta' raġel,
Kelli nieqaf għal xi ftit.
U jien għidt:
Dana xin hu?

Hawn iltqajt ma' ħabib tiegħi,
Għaqli, mdaħħal sew fiż-żmien:
Fis għarraftu ħaġa b'ħaġa
Kull ma kont inġarrab jien.
U jien għidtlu:
Dan xin hu?

Ħares ħarsa ġewwa wiċċi
B'daħka ħelwa fuq xofftejh;
Mill-but ħareġ in-nuċċali,
Qegħdu sewwa qrib għajnejh;
Trid taf, qalli.
Dan xin hu?

Dan, ħabib, hu frott fi żmienu,
Frott is-siġra tax-xjuħija:
Int għalaqt is-sebgħin sena,
Frott minn dan tiekol fil-bqija,
Issa taf
Dana xin hu.

Imma jiena qomt fuq tiegħi
U din fehmti bdejt nurih
Illi qabel tiġi Ċensa
Jien ma rridx, ma rridx nixjieħ:
Ma nżidx ngħid:
Dana xin hu?

Dun Karm

3/XII/'41